# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 6**

**Rikors Numru 11/12 JZM**

**Paul Magri u martu Jane**

**v.**

**Prim Ministru u s-Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Qormi u Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti minn sentenza moghtija fit-30 ta' Settembru 2014 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha dik il-Qorti, wara li lliberat lill-Prim Ministru intimat mill-osservanza tal-gudizzju, ghazlet lil ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-proviso tal-subinciz 2 tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u

s-subinciz 2 tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [Kap.319] ["il-Konvenzjoni"].

2. Permezz tar-rikors taghhom ir-rikorrenti talbu li l-Qorti: [1] tiddikjara li gie vjolat mill-intimati d-dritt taghhom protett bl-Artikolu1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u konsegwentement tordna li l-art meritu tal-kawza tigi ritornata lilhom minghajr ebda pretensjoni da parti tal-intimati; [2] tiddikjara nulla d-decizjoni favorevoli tal-Bord tal-Awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar fuq l-applikazzjoni PC 00009/11 mehuda fis-26 ta' Jannar 2012 minhabba illegalita`; [3] li jigi fissat kumpens ghall-okkupazzjoni illegali da parti tal-ewwel zewg intimati u tordnalhom li t-tnejn ihallsu s-somma likwidata in solidum bejniethom; [4] li jigi fissat kumpens ghad-danni mhux pekunjarji minhabba l-vjolazzjoni, u tikkundanna lit-tlett intimati ghall-hlas tal-istess; bl-ispejjez.

**Il-Fatti**

3. Fil-qosor il-fatti relevanti huma dawn. Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi ha pussess minghand il-gvern ta' bicca minn art li tappartjeni lir-rikorrenti. Parti mill-art mehuda giet inkorporata ma' art ohra biex il-Kunsill ghamel ground tal-football, filwaqt li fil-parti l-ohra hemm passagg maghmul minn haddiema tal-Gvern meta r-rikorrenti

kien tahom permess sabiex jghaddu minnhom l-ingenji kbar ghax-xoghol li kien qed isir fl-inhawi. Il-passagg minn fejn kienu jghaddu twitta u eventwalment fis-sena 2000 inghata t-tarmac kif jidher fir-ritratti ezebiti.

4. Rigward dik il-bicca art li kienet giet mizjuda ma' bicca ohra sabiex sar il-ground tal-football mill-Kunsill intimat, ir-rikorrenti fethu kawza [nru.425/2007] fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza ordinarja taghha, filwaqt li fir-rigward tal-bicca l-ohra fejn l-Kunsill intimat isostni li hemm triq ir-rikorrenti fetah dawn il-proceduri kostituzzjonali minghajr ma qabel irrikorra ghal proceduri ordinarji kif kien ghamel dwar il-bicca mehuda ghall-ground.

5. Il-kawza odjerna tirrigwarda dik il-bicca fejn hemm it-triq. Ir-rikorrent jghid li rigward din l-bicca art huma kienu applikaw [PA 05787/08] mal-Awtorita` intimata sabiex jizviluppawha billi jibnu gym. Meta din l-applikazzjoni waslet fi stadju avvanzat tal-iter taghha, tant li kien hemm rakkomandazzjoni ghall-approvazzjoni, il-Kunsill intimat min-naha tieghu ipprezenta Planning Control Application [PC 9/11] sabiex jigi awtorizzat jghaddi triq minn din il-parti tal-art. Rizultat ta' din l-applikazzjoni, l-ipprocessar tal-applikazzjoni tar-rikorrenti li tirrizali ghas-sena 2008 gie sospiz, filwaqt li l-ipprocessar tal-applikazzjoni tal-Kunsill sar b'pass mghaggel hafna tant li l-permess rikjest mill-Kunsill hareg fi zmien qasir, u cioe` fis-26 ta' Jannar 2012. Sussegwentement fit-30 ta'

April 2012 l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet rifjutata u dwar din hemm pendenti appell quddiem il-Bord ta' Revizjoni tal-MEPA.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ccitat kazistika, kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, u wara li ddisponiet mill-eccezzjoni dwar il-legittimita` passiva kemm tal-Onorevoli Prim Ministru kif ukoll tal-intimati l-ohra, ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Huwa evidenti fuq l-iskorta ta` l-gurisprudenza citata illi sabiex tkun akkolta eccezzjoni ta` din ix-xorta, il-Qorti trid tkun sodisfatta : 1) illi kienu disponibbli ghar-rikorrenti mezzi xierqa ta` rimedju effettiv ghall-ksur allegat ; u 2) illi r-rimedju kien tassew adegwat u effettiv, cioe` illi kien rimedju li seta` jigi adoperat biex adegwatament jikkompensa lill-vittma ghal-lezjoni lamentata, jew illi jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur, billi l-att leziv jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, sabiex il-vittma titqieghed f`pozizzjoni mhux diskriminatorja fil-konfront ta` ohrajn f` sitwazzjoni simili.
>
> "Fil-kaz tal-lum, mill-assjem tal-provi, irrizulta li hemm kawza pendenti, u li sejra wkoll tigi deciza llum ukoll minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta, li ggib in-Nru 425/2007 JZM, fejn ir-rikorrenti tal-lum talbu l-izgumbrament tal-kunsill lokali ntimat mill-art f`Qormi, Valletta Road, faccata ta` Triq il-Merrill, u fejn talbu lill-Qorti sabiex tnehhi kull haga, mobbli jew immobbli li saret abbusivament, u dan fi zmien qasir u perentorju. F`dik il-kawza tressqet kawzali ta` indoli kostituzzjonali li tghid : *prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provvediment opportun, inkluz jekk hemm bzonn li l-agir tal-konvenuti huwa lesiva ghad-dritt tal-proprjeta` tal-atturi skont il-Kostituzzjoni u l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> "Dan premess, jigi rilevat illi fil-kawza tal-lum ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimati kisru l-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u talbu sabiex l-art kontestata tinghata lura lilhom.
>
> "Minn ezami tal-atti tal-kawza Rik. Gur. Nru. 425/2007 JZM, jirrizulta li dik il-kawza tittratta dwar art li l-kunsill lokali ntimat uza biex minnha jaghmel ground tal-football li llum qieghed jintuza min-

nursery tal-Qormi FC. Il-kawza tal-lum fir-realta` hija ffokata fuq dik il-parti ta` l-art li ntuzat bhala triq. Madankollu l-kawza Rik. Gur. Nru. 425/2007 JZM hija ezempju car ta` rimedju ordinarju li r-rikorrenti kellhom ghad-disposizzjoni taghhom ghar-rigward ta` l-art li ntuzat biex issir triq, qabel ma jirrikorru ghall-procediment kostituzzjonali. Il-fatt li r-rikorrenti pprezentaw din l-istanza tal-lum bla ma rrikorrew ghall-procediment ordinarju hekk kif fil-fatt kienu ghamlu fil-kaz ta` dik il-parti li kienet integrata fi ground tal-football huwa konferma li r-rikorrenti tassew ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji a disposizzjoni taghhom. Huwa minnu li fil-kawza tal-lum ir-rikorrenti talbu kumpens - inkluzi danni mhux pekunjarji - izda talba ta` dik ix-xorta tista` tkun disponibbli lir-rikorrenti fil-kaz li l-procediment ordinarju jkollu esitu favorevoli ghar-rikorrenti. Skont ix-xiehda tar-rikorrent, irrizulta huwa ma ntavola l-ebda procediment iehor apparti dan tal-lum ghajr ghall-kawza Rik. Gur. Nru. 425/2007 JZM. Hemm ir-rikorrenti talbu rimedju fuq parti mill-art kif fuq inghad, l-istess seta` sar fil-parti l-ohra tal-art tar-rikorrenti.

"Din il-Qorti hija konsapevoli illi fil-kawza tal-lum saret it-tieni talba. Madankollu anke f`dan ir-rigward hija tal-fehma li ma kienux ezawriti r-rimedji ordinarji peress illi l-vertenza tittratta decizjoni li hadet l-Awtorita` ntimata ; ghal dik l-Art 469A tal-Kap 12 kien ikun rimedju effettiv. Huwa minnu li minn dik id-decizjoni ma kienx hemm appell, izda dak l-istat tad-dritt ma kienx iwarrab istanza fil-parametri ta` l-Art 469A tal-Kap 12. Il-Qorti hadet kont tal-argumenti li gabu r-rikorrenti fis-sens illi fi procediment ghal stharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv, ir-rimedji li tista` taghti l-Qorti huma limitati – anke ghar-rigward tad-danni skont ma jiddisponi s-subinciz (5) tal-Art 469A. Madankollu din l-argomentazzjoni kienet tkun wahda ta` soljev ghar-rikorrenti li kieku talbu t-thassir tad-decizjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni ghall-permess flimkien ma` talba ghall-approvazzjoni tal-permess li ghalih kien applika.

"Meqjus l-assjem ta` fatti u cirkostanzi ta` l-kaz tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji xierqa, effettivi u adegwati bizzejjed fejn jindirizzaw l-allegat ksur tal-jeddijiet taghhom <u>qabel</u> intavolaw l-azzjoni tal-lum. Ghalhekk il-Qorti sejra taghzel li ma twettaqx is-setghat kostituzzjonali taghha billi ma tismax il-mertu ta` l-kaz li r-rikorrenti ressqu quddiemha."

## <u>L-Appell</u>

7. Dan hu msejjes fuq zewg aggravji: [1] li f'din il-kawza l-Prim Ministru huwa legittimu kuntradittur; u [2] li mhux minnu li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li kien effettiv, xieraq u adegwat.

8. Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu r-riforma tas-sentenza appellata billi din il-Qorti tikkonferma c-cahda tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u tal-Kunsill Lokali intimat, u tirrevokaha fejn laqghet l-eccezzjoni tal-Prim Ministru li mhux il-legittimu kontradittur, kif ukoll tirrevokaha fejn iddikjarat li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji.

9. Min-naha taghhom l-intimati, ghar-ragunijiet minnhom indikati fir-risposti separati taghhom, qed jitolbu li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata.

**L-Aggravji**

*L-ewwel aggravju*

10. Dan hu fis-sens li l-Artikolu 181B tal-Kodici tal-Procedura huwa ristrett ghad-Dipartimenti tal-Gvern u mhux ghal awtoritajiet bhall-intimati l-ohra li ghandhom l-awtonomija taghhom u tenut kont li azzjoni Kostituzzjonali hi diretta essenzjalment u fl-ewwel lok kontra l-iStat allura l-Prim Ministru huwa legittimu kontradittur stante li jirrapprezenta lill-iStat. Barra minnhekk qabel ma giet prezentata l-kawza, u anke wara, il-Prim Ministru kien responsabbli ghall-MEPA li taqa' taht id-dekasteru tieghu.

11. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> "Meta jitqiesu l-premessi u t-talbiet, huwa evidenti ghal din il-Qorti illi l-Prim Ministru ma jinkwadrax bhala kontradittur tar-rikorrenti. Dawn jilmentaw minn lezjoni ghad-dritt fondamentali taghhom kif tutelat bl-Art I Prot I tal-Konvenzjoni minhabba l-mod kif applikazzjoni ghal zvilupp taghhom li ghall-ewwel kienet rakkomandata biex tkun approvata mill-Bord tal-MEPA kienet respinta wara li l-kunsill lokali ntimat ressaq PC application fuq parti mill-art mertu tal-izvilupp propost minnhom, liema art kienet tappartjeni lir-rikorrenti. Il-lezjoni lamentata mir-rikorrenti testendi wkoll ghall-fatt illi fuq l-art taghhom saret triq bla ma giet esproprijata l-art. Huwa evidenti li fir-rwol istituzzjonali tieghu, il-Prim Ministru ma jwegibx ghall-allegata lezjoni. Din il-Qorti mhijiex tikkondividi l-argument tar-rikorrenti illi meta vjolazzjoni ma tkunx allegatament kommessa minn kap ta' dipartiment tal-Gvern izda minn Awtorita` r-rapprezentanza tispetta lill-Prim Ministru. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, it-tieni (2) subinciz tal-Art I8IB jahseb ghal sitwazzjoni."

12. Din il-Qorti tikkondividi dawn il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward tenut kont li l-Prim Ministru ma jista' qatt jirrispondi ghall-agir tal-Awtorita` intimata jew tal-Kunsilli Lokali. Inoltre, f'dan il-kaz, kif korrettement sottomess mill-istess Prim Ministru fir-risposta tieghu, "a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodici tal-Procedura il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment inkarigat mill-materja u mhux mill-Ministru li fid-dekasteru tieghu jiaqghu d-Dipartimenti koncernati." Fejn il-materja ma taqax taht xi dipartiment governattiv partikolari u ma taqax taht wahda mill-entitajiet governattivi indikati fl-ewwel subinciz, allura, *se mai* huwa l-Avukat Generali li ghandu r-rapprezentanza residwali tal-iStat.

13. Ghaldadqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

*It-tieni aggravju*

14. Dan jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kkonsidrat u kkonkludiet li ma tezercitax is-setghat Kostituzzjonali taghha peress li ghall-ilment tar-rikorrenti hemm disponibbli rimedju ordinarju xieraq, effettiv u adegwat.

15. Fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju r-rikorrenti jaghmlu distinzjoni bejn il-proceduri fil-kawza numru 425/2007 fejn ir-rikorrenti talbu l-izgumbrament tal-Kunsill Lokali mill-art inkorporata ma' bicca art ohra biex sar ground tal-football u dik il-bicca art meritu tal-kawza odjerna. Isostnu li r-rimedju li kien desponibbli dwar il-bicca art li ttiehdet mill-Kunsill Lokali, mhuwiex disponibbli ghall-art de quo "ghax l-art ma gietx fizikament okkupata mill-Kunsill Lokali. Huma jispjegaw dan l-aggravju hekk:

> "…. l-kwistjoni tat-triq hija kompletament distinta ghalkemm biswit l-art l-ohra li effettivament gie okkupata mill-Kunsill Lokali u li tissemma fic-citazzjoni numru 425/2007 [JZM]. Dik l-art hija in parte okkupata …minn ground. Ghalhekk l-esponenti talbu illi jigi zgumbrat il-Kunsill Lokali mill-istess bicca art li hija taghhom. Kawza b' rimedju normali. Ghandha wkoll aspetti ta' esproprju imma r-rimedju ordinarju fuq l-art li saret ground mertu tal-kawza 425/2007 hija biex johorgu mill-istess art u ma jibqghux juzawha.
>
> "Dan ir-rimedju ma kienx disponibbli u ma jistax jintuza ghall-iskop ta' l-art biswit illi giet imhazza fuq il-pjanta bhala triq.

“Ma saritx triq tal-Kunsill Lokali, trid ghadha tigi zviluppata bhala triq. Transport Malta ghamlu bil-miktub quddiem il-MEPA stess illi ma kellhom l-ebda ntenzjoni li jghaddu triq minn hemmhekk. Il-MEPA xorta hazzitha fuq il-pjanta.

“B' liema mod l-esponenti b' rimedju ordinarju setghu jitolbu l-izgumbrament tal-Kunsill Lokali minn fuq l-art? Kieku kienet hekk u dan kien possibli, dan kien ikun rimedju mmedjat. Pero' f' dan il-kaz is-sitwazzjoni mhijiex hekk ghax l-art ma gietx fizikament okkupata mill-Kunsill Lokali, mill-Gvern jew minn xi hadd. Ghalhekk hija zbaljata ghal kollox l-Ewwel Qorti meta tghid li "l-kawza 425/2007 JM hija ezempju car ta' rimedju ordinarju li r-rikorrenti kellhom ghad-disposizzjoni taghhom ghar-rigward ta' l-art li ntuzat biex issir it-triq qabel ma jirrikorru ghal procediment Kostituzzjonali". Sa llum din ghadha mhijiex triq iffurmata mill-Gvern imma hija projected road.

“Kieku xejn l-ewwel haga kien ikun hemm id-dikjarazzjoni tal-President ghal esproprju ta' l-istess art. F' dan il-kaz lanqas din id-dikjarazzjoni tal-¬President ghad m' hemm jew giet b' xi mod allegata. Kieku wkoll ma kienx ikun dak ir-rimedju li qed tghid il-Qorti li titlob l-izgumbrament.

“Ghalhekk in konkluzjoni tar-ragunament ta' l-Ewwel Qorti li setghet saret kawza ta' zgumbrament hija ghal kollox infondata.”

16. Fi ftit kliem, ir-rikorrenti jsostnu li ma kellhomx ir-rimedju li kellhom fuq l-art li saret ground, ghax l-art *de quo* m’hijiex fil-pussess tal-Kunsill Lokali. Din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li dwar din l-art, il-Kunsill Lokali ghamel b’success kawza [numru 959/2008] ta’ spoll fl-ismijiet **Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta’ Hal Qormi v. Paul Magri** deciza fl-24 ta’ Gunju 2011 kontra r-rikorrenti meta dawn ivvjolaw il-pussess li kellu l-Kunsill Lokali meta bnew hitan fuq l-istess bicca art b’mod li imblokkaw il-passagg meritu tal-kawza odjerna. F’dik il-kawza l-Kunsill Lokali instab li kellu l-pussess rikjest ghall-azzjoni ta’ spoll u ghalhekk gie ordnat li l-passagg jigi riprestinat.

17. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta li, sussegwenti ghall-kawza fuq citata u minkejja dak ordnat mill-Qorti, ir-rikorrenti installaw crane sabiex jostakolaw il-passagg, dan il-fatt ma jwassalx ghall-konkluzjoni li issa allura l-Kunsill Lokali m'ghadx ghandu l-pussess legali tat-triq u ghalhekk ma jistax jintalab ir-rimedju tal-izgumbrament tal-Kunsill Lokali.

18. Fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti, is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill intimat xehed li l-Kunsill Lokali kien ilu jiehu hsieb din it-triq sa minn mindu kienet iffurmata. Il-wicc tat-triq kien bit-tarmac. [Ipprezenta aerial photos tat-triq mehuda fis-snin differenti.] It-triq hija lokali u mhux arterjali u ghalhekk Transport Malta ma tidholx fil-kwistjoni. It-triq tintuza bhala short-cut biex il-pubbliku jevita li jdur mal-lokalita` kollha. Ix-xhud ikkonferma li l-Kunsill ha over il-manutenzjoni tat-triq li hija lokali, mhux arterjali, fis-sena 1994 u kien fis-sena 2000 meta l-Kunsill iddecieda li jibni ground tal-football f'dik l-area.[1]

19. Fid-dawl tal-premess il-Qorti tosserva li l-fatt li r-rikorrenti regghu hadu l-ligi b'idejhom billi mblokkaw il-passagg bil-crane ma jipprezenta ebda ostakolu legali ghall-istess rikorrenti li jesperixxu kawza ta' natura petitorja bil-ghan li jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja li l-art *de quo* kienet

[1] Fol.67 et seq.

tappartjeni lilhom u konsegwenzjalment jigi ordnat l-izgumbrament tal-Kunsill Lokali. *Multo magis* meta fil-kaz prezenti ma jirrizultax li l-art kienet giet espropprijata mill-iStat skont il-ligi. Ghalhekk ir-rimedju li huma talbu quddiem il-qrati ordinarji fil-kawza 425/2007[2] setghu talbuh anke fir-rigward tal-passagg in kwistjoni. B'dak ir-rimedju ordinarju huma setghu talbu l-izgumbrament tal-Kunsill Lokali u ghalhekk kien rimedju effettiv disponibbli ghalihom.

20. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

21. Dan jirrigwardja r-rimedju disponibbli lir-rikorrenti ghall-ilment taghhom fil-konfront tal-intimati, u senjatament dak kontemplat fl-Artikolu 469[A] tal-Kodici tal-Procedura. Ir-rikorrenti jsosntu li dan l-artikolu jipprovdi rimedju limitat u ma jaghtix rimedju adegwat. Huma komplew jispjegaw hekk dan l-aggravju:

> "Il-partijiet kollha konvenuti jidhru illi jinsew illi l-Artikolu 469A(1 )(a) jghid illi l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni jikkunsidraw jekk l-ghemil jivvjolax il-Kostituzzjoni. Mela min jinvoka li xi hadd ghandu jaghmel azzjoni taht il-469A u jaghmel kawza kostituzzjonali, fil-fatt ikun qed jaghmilha taht l-Artikolu 469A skont l-istess subinciz A tas-sub-artikolu 1 tal-istess

---

[2] F' dik il-kawza r-rikorrenti talbu li l-Qorti *"tordna l-izgumbrament tal-konvenuti in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Qormi mill-art f`Qormi, Valletta Road faccata ta` Triq il-Merrill, kif delinejata fl-istess pjanta dokument A, u bl-ordni li jitnehhew kull haga, mobbli jew immobbli li ghamlu abbusivament l-istess konvenuti nomine, u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat."*
-

artikolu. Ghalhekk dak li jissejjah rimedju ordinarju jinkorpora l-ilment kostituzzjonali. Barra minn hekk ukoll, l-Artikolu 469A(1 )(b)(iv) jaghti wkoll gurisdizzjoni lill-Qrati meta l-ghemil amministrattiv ikun imur b'mod iehor kontra l-ligi."

“Illi m'huwiex bizzejjed skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem illi wiehed ifarfar illi kien hemm rimedju alternattiv illi seta' ta rizultat u dak ir-rimedju ma giex uzat. Apparti illi l-esponenti qed juza l-gurisdizzjoni tal-Qrati kif delimitata fl-Artikolu 469A, l-azzjoni tieghu hija intiza ghall-vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-partijiet jaqblu, specjalment il-MEPA, illi minn decizjoni fuq PC Application ma hemmx lanqas appell quddiem il-MEPA u allura lanqas fl-organi tal-MEPA ma seta' jsir appell, imbaghad isir appell [quddiem] il-Qorti tal-Appell Civili. Dak kien ikun rimedju ordinarju u li jista' jkun effettiv u mhux necessarjament dejjem effettiv minhabba d-delimitazzjoni illi hemm mill-appell tal-MEPA fuq punti ta' ligi biss. ...

“Hija zbaljata wkoll il-Qorti meta qalet illi "din l-argumentazzjoni kienet tkun wahda ta' soljev ghar-rikorrenti li kieku talbu t-thassir tad-decizjoni tar-rifjut ta' l-applikazzjoni ghal permess flimkien mat-talba ghall-approvazzjoni tal-permess li ghalih kien applika." Dana huwa effettivament zbaljat. Il-gurisprudenza kollha w anke l-Ligi jghidu li fil-469A l-Qorti tista' thassar decizjoni imma ma tista' taghti l-ebda ordni ohra ghal rimedju. Ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha jew x' ghandu jsir flok dak li sar hazin. Lanqas tista' tordna li tithassar decizjoni u minflokha tittiehed ohra.

“Issa stante li l-Prim'Awla hija kompetenti ghall-istharrig gudizzjarju, u cittadin iqajjem bhala vjolazzjoni tal-ligi artiklu tal-Konvenzjoni, il-Prim'Awla ma jkollhiex tezaminaha minn dak l-aspett? La hija l-Prim'Awla ma tibghathiex quddiem Prim'Awla ohra. U trid tiddecidiha l-istess qorti. U x'tip ta' kawza tkun? U x'tip ta' appell isir?”

22. Din il-Qorti tibda sabiex taghmel referenza ghal uhud mill-principji identifikati mill-gurisprudenza lokali fil-materja ta’ rimedju ordinarju fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 469A tal-Kodici tal-Procedura.

“Rikors Kostituzzjonali huma minn natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta’ ridress tipprovdi mod ta’ soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma l-Gvern jew l-amministrazzjoni taghha jigu akkuzati bi ksur tad-

drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistghax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tal-cittadin, meta lic-cittadin ikunu provduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanzjanza tieghu" *[PA Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati, deciza 18 Mejju 2006; ara wkoll Q.Kos. Christopher Hall et vs Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali, deciz 18 Settembru 2009]]*

"Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif gja' gie rilevat f' gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda. *[Q.Kos Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija, deciza 2 Novembru 2001]*

"Kif accennat, l-eghmil amministrattiv jista' jikser il- Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is¬subinciz (l)(a) taht ezami isib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill¬banda l-ohra, l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kienitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja.... Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghall-elzjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jistqies l-artikolu 469A tal-Kap.12 – indiviwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordianrju quddiem it-tribunali qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti

"Fi kliem iehor ..... l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – ilkliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni taddisposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319 ...*[Christopher Hall, supra]*

"A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed tghid li meta jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistghux jissollevaw, anke

> b'success, l-"eccezzjoni" li kien hemm mezz jew mezzi ohra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat, jew li l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319) ma jistax jigi applikat *ex officio* mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-procedura tal-istharrig gudizzjarju skont l-imsemmi Artikolu 469A; dak li qed jigi deciz hu li jekk il-mezz xieraq ta' rimedju ravvizat ikun jikkonsisti biss fi stharrig gudizzjarju (in bazi ghas-subartikoli 1(a) jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) ghar-raguni biss li l-eghemil amministrattiv ikun jilledi xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eccezzjoni" ghandha tigi skartata bla tlaqliq bhala manifestament infondata, u, s'intendi, il-proviso msemmi m'ghandux, f'tali sitwazzjoni, jigi applikat *ex officio* mill-Qorti." *[Christopher Hall – supra]*

23. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz, ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti qed jitolbu wkoll il-hlas ta' kumpens mhux pekunjarju ghal-lezjoni subita minnhom, l-istess rikorrenti kellhom qabel ma istitwew il-proceduri kostituzzjonali odjern, jirrikorru ghar-rimedju ordinarju kontemplat fl-Artikolu 469A billi jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita` tad-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita` intimata dwar l-applikazzjoni PC 9/11 mehuda fis-26 ta' Jannar 2012 in kwantu hija bazata fuq illegalita`[ allegata mir-rikorrenti u konsistenti f' dikjarazzjoni falza maghmula mill-MEPA li fil-passagg kien hemm triq ezistenti]; kellhom ukoll rimedju li jadixxu l-qrati civili ordinarji sabiex jottjenu dikjarazzjoni li l-passagg huwa proprjeta` taghhom u l-konsegwenzjali izgumbrament tal-Kunsill lokali minn dik il-parti tal-art taghhom in kwantu dan qed jokkupa l-art illegalment tenut kont li ma saret ebda esproprijazzjoni skont il-ligi u, wkoll fost ir-rimedji ordinarji, kellhom dak li jitolbu kumpens ghall-okkupazzjoni illegali. Dawn huma rimedji ordinarji effettivi u effikaci

disponibbli ghar-rikorrenti sabiex jikkawtelaw d-drittijet taghhom dwar l-art *de quo* u li kellhom jigu ezawriti qabel ma bdew il-proceduri straordinarji odjerni.

24. Rigward l-ilment li ma kienx hemm appell mid-decizjoni tal-Awtorita`, din il-Qorti tosserva li kif jinsab gja ritenut ma hemmx dritt fundamentali ta' appell [*Q.Kos 7/2009/1* **John Camilleri v. Avukat Generali**, *deciza 12 ta' Frar 2010]*.

25. Rigward il-mod kif l-ewwel Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4[2] tal-Konvenzjoni, din il-Qorti tirribadixxi li -

> "Il-Legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f' kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew taht il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni [anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra] dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha" *[Q.Kos.* **Residual Limited vs Kummissarju Artijiet – Raymond Vella v. Kummissarju tal-Artijiet**, *deciza 24 Mejju 2004].*

26. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti ezercitat b'mod zbaljat id-diskrezzjoni taghha a tenur tal-Artikoli fuq citati.

27. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies bhala infondat u qed jigi respint.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df